FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

Illum 1 ta' Marzu 2017

Il-Pulizija
(Spettur Sean Scicluna)

Vs

Klinsmann Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta 208991M akkuzat talli:

fil-fond maghruf bhala 'Frisk tal-Bidnija', li jinsab f'Shop 1, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann; fis-sena 2015, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, li jikksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. minghajr awtorizzazzjoni uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza ikkopja jew immodifika kull data software jew dokumentazzjoni ta appogg bhal dawk liema reat sar f'post minnu bhala impjegat bi pregudizzju ta' terzi, meta l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat sew vera sew fittizja ghamlitha facli ghalih li jaghmel dan ir-reat;
2. f'dawn il-Gzejjer, fl-istess dati msemmija hawn fuq, minghajr awtorizzazzjoni installa nehha biddel ghamel hsara hassar iddeterjorja razzan qered varja jew zied ma xi data software jew dokumentazzjoni ta' appogg, liema reat sar f'post minnu bhala impjegat bi pregudizzju tal-principal tieghu jew bi pregudizzju ta' terzi, meta l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat sew vera sew fittizja, ghamilha facli ghalieh li jaghmel dan ir-reat;
3. fl-istess dati msemmija hawn fuq minghjar awtorizzazzjoni uza l-kodici ta' dhul password isem l-utent indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer liema reat sar f'post minnu bhala impjegat bi pregudizzju ta' terzi, meta l-pozizzjoni tieghu ta' impjegat sew vera sew fittizja, ghamilha facli ghalieh li jaghmel dan ir-reat;
4. fl-istess dati msemmija hawn fuq, ikkommetta serq ta' valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Paulina Sant liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna;
5. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu t'ismijiet foloz, jew ta kwalifici foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ghalieh jew ghal persuni ohra ta' aktar minn hames mitt ewro €500 izda mhux aktar minn hamest elef ewro €5,000 b'qerq ghad-dannu ta' Pauline Sant;
6. bi hsara ghall-haddiehor, ghamel xi qliegh iehor ta' aktar minn hames mitt ewro €500 izda mhux aktar minn hamest elef ewro €5,000 b'qerq ghad-dannu ta' Pauline Sant;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu

533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta mill-imputat;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti tahtu hin jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jirrisalu u huma konnessi mal-perjodu li l-imputat kien impiegat tal-parti leza bhala kommess fil-hanut il-Bidnija jismu "Frisk".

Fuq l-ammissjoni inkondizjonata u irrevokabbli tieghu l-htija tieghu ghar-reati kollha migjuba isegwi konsekwentement.

Rat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu esebit mill-parti leza in kwantu jirrigwarda l-ammont ghas-saldu li l-imputat irrikonoxxa li huwa lilhom dovut u li jinkorpora kollox inkluza l-akkuza ta' serq li jikkostitwixxi parti mill-meritu ta' dawn il-proceduri.

Inghad dan u wara li rat l-Artikolu18, 337C(1)(a), 337F(3)(a), 267, 268(d), 279(b) 280(1)(b), 308,310(1)(b) u 17(b) tal-Kap 9.

Fid-dawl tal-ftehim raggunt mal-parti leza u r-rakomandazzjoni tal-ufficjal tal-probation nominat, il-Qorti qeghda wara li qeghda tiddikjara l-imputat hati, tapplika kontra tieghu d-disposizjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tpoggih that ordni ta' probation ghal sitt xhur mill-lum. Tapplika fl-intier tieghu l-Artikolu 24 tac-citat Kap 446 u tordalu jhallas d-danni kif miftehm mal-parti leza.

A.M.Trigona
Magistrat